## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 588/2011JB

Kawza Numru: 40

**Charles Grech & Co. Ltd. (C2473)**

***vs***

**Mark Aquilina (K.I.: 105069M) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Innovative Entertainment Ltd (C36032)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-15 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut *proprio et nomine* jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef, mija u sitt euro u erbgha u disghin centezmu (€3,106.94) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess Konvenut, bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-20 ta' Settembru 2011;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, ipprezenta risposta fl-14 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi, in linea preliminari, l-esponent Mark Aquilina personalment m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

2. Illi, in linea preliminari wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tressaq prova cara u skond il-ligi tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, billi m'huwiex minnu illi l-esponenti huma debituri tas-socjeta' attrici;

Salv risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2012 u n-nota pprezentata fl-istess data (a fol 12) li permezz taghha l-Konvenut *proprio et nomine* irtira t-tieni eccezzjoni minnu sollevata u cjoe dik tal-preskrizzjoni;

Ra s-sentenza tat-28 ta' April 2014 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-tal-Konvenut *proprio et nomine*;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, s-Socjeta Attrici qed titlob li l-Konvenut *proprio et nomine* jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €3,106.94 rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Stante li l-ewwel eccezzjoni giet michuda fil-waqt li t-tieni eccezzjoni giet irtirata, it-Tribunal ghandu quddiemu zewg eccezzjonijiet u cjoe dawk fil-mertu li permezz taghhom il-Konvenut *proprio et nomine* qieghed jeccepixxi li s-Socjeta' Attrici trid tressaq prova cara tal-konsenji kollha li saru minnha, u tal-valur taghhom u li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti;

Illi meta xehed il-Konvenut dan stqarr li hu ma kienx ikun involut personalment fit-tmexxija tan-negozju u cjoe l-*club* "Vogue" peress li kellu sieheb li kien jiehu hsieb hu t-tmexxija tal-istess post tad-divertiment. L-istess Konvenut kien iffirma *credit agreement* (a fol 16) ghad li jghid li ffirma bhala direttur tas-Socjeta Konvenuta;

Veronica Cefai xehdet (a fol 22) li l-fatturi tas-Socjeta Attrici kienu jaslu gewwa l-ufficcju tal-kumpannija Rainbow Mix Concrete Limited li hija tal-Konvenut;

Mark Tanti xehed (a fol 58) li l-ammont reklamat ghadu kollu dovut fil-waqt li stqarr li l-kunsinni tal-merce saru gewwa l-*club* "Vogue" f'Paceville;

Ralph Leone Ganado xehed (a fol 85) li hu *sales representative* mas-Socjeta Attrici. Hu stqarr li fir-rigward tal-ordnijiet li kienu jsiru da parti tal-club "Vogue", hu kien jiehu l-ordnijiet, jew bit-telefon jew inkella billi jmur personalment. Jghid li l-procedura kienet li l-ewwel imur fuq il-post u jiehu l-ordni u imbaghad imur l-ufficcju johrog l-ordni, jghaddiha lil min ikun ser jikkonsenjaha. Jghid li skond il-fatturi, il-konsenja dejjem saret gewwa "The Vogue Wilga Street Paceville", u hemm indikat ukoll isem il-Konvenut. Jghid li l-fatturi huma kollha ffirmati, jigifieri l-konsenji gew accettati. Mistoqsi in kontro-ezami jekk jaghrafx il-firma jew xi wahda mill-firem wiegeb fin-negattiv ghad illi kkonferma li hu ma kienx ikun prezenti ghall-konsenja. Ix-xhud stqarr li hu tkellem mal-Konvenut diversi drabi dwar il-fatturi u dan kien jghidlu li l-pagament gej u kien jghidlu wkoll sabiex icempel lil

certu Daisy, u sa tah in-numru tat-telefon fejn kellu jikkuntatjaha. Stqarr li Aquilina qatt ma oggezzjona ghall-pagamenti.

Meta rega' xehed il-Konvenut (a fol 90) dan ikkonferma li ma kienx ikun fil-clubs li kellu interess fihom. Xehed li ma gharafx il-firem li hemm fuq il-fatturi u stqarr li mghandux *records* ta' dawn l-ordnijiet. Imbaghad stqarr li kien jakkwista minghand diversi agenti. Sussegwentement, meta rega' xehed (a fol 97) huwa pprezenta numru ta' denunzji tal-VAT u stqarr li gjaladarba jirrizulta li ma kienx hemm transazzjonijiet li gew dikjarati ghall-ghanijiet tal-VAT fil-perjodu in dizanima, u ghalhekk wasal ghall-konkluzjoni li dak iz-zmien, il-*club* ma kienx qed jopera;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jidher li s-Socjeta Attrici irnexxielha ggib prova tal-kunsinna u tat-tip ta' relazzjoni li kellha mal-Konvenut *proprio et nomine* u anke gabet prova li ma giet bl-ebda mod kontradetta li l-Konvenut kien accetta li jhallas u dderiga lis-*sales representative* sabiex ikellem impjegata partikolari. Ghat-Tribunal, il-fatt li l-firem fuq il-fatturi mhumiex cari bl-ebda mod ma jista' jitqies li l-kunsinni ma sarux. Naturalment, il-provvisti mertu tal-kawza jirrigwardaw ammonti relattivament zghar u t-Tribunal ma jarax li fic-cirkostanzi normali tan-negozju, *delivery man* huwa mistenni li jsegwi xi formalitajiet partikolari. Del resto, hu ben maghruf li l-prova tal-kunsinna tista' anke ssir b'mezzi ohra minn barra bil-firma tar-ricevitur. F'dan il-kaz, fil-waqt li s-Socjeta Attrici gabet prova tal-kunsinna, il-Konvenut l-ewwel xehed li ma kienx involut fit-tmexxija tan-negozju imbaghad li ma gharafx il-firem fuq il-fatturi. Fl-ahhar nett xehed li dawn il-kunsinni ma gewx inkluzi fid-denunzja tal-VAT, dokument li certament ma jaghmilx stat fil-konfront tas-Socjeta Attrici. Ghar-rigward tat-tielet eccezzjoni jidher bic-car li l-prova rikjesta ingiebet;

Illi t-Tribunal iqis li effettivament, il-verzjoni tas-Socjeta' Attrici hija iktar kredibbli minn dik tal-Konvenut. Certament li l-Konvenut kellu jassikura li jzomm kontroll fuq in-negozju tieghu aktar u aktar meta kien hu li ffirma l-*credit agreement* u kwindi kien jaf bl-obbligi li assuma. It-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux jistrieh fuq il-provi li ghandu quddiemu;

Illi t-Tribunal iqis li ma ngiebet ebda prova sodisfacenti da parti tal-Konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet li baqa' li jigu decizi u ghalhekk dawn se jigu michuda, fil-waqt li t-talba attrici se tintlaqa';

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-Konvenut *proprio et nomine*, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut *proprio et nomine* ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €3,106.94, u dana oltre l-imghax skond il-ligi. Spejjez kollha, inkluz dawk tas-sentenza preliminari tat-28 ta' April 2014, jkunu a karigu tal-Konvenut *proprio et nomine*.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*